MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1471/1991/1

**Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' "Galdes & Mamo Ltd", u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera "Royal International Insurance Holdings Ltd" kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha is-socjeta' J. P. Baldacchino & Co Ltd u b'nota tal-25 ta' Gunju 2007 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Galdes & Mamo Insurance Agency Limited nomine**

**vs**

**Vivian Bianchi u Ralph Bianchi bhala diretturi u in rappresentanza tal-assocjazzjoni "Bianchi Group of Companies agenti Malta tal-Deutsche Nah-Ost Linien Gmbh & Co Kg, armaturi tal-vapur AYDER; u Godwin Abela in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fis-26 ta’ Dicembru, 1991, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi socjeta' J.P. Baldacchlno & Co Ltd importat mill-Port ta' Antwerp hamsa u ghoxrin (25) bundles tubi ta’ diversi qisien ghall-ghamara u dan fuq il-vapur AYDER kif jirrizulta mil-polza ta' kariku Dok A;

Illi meta din il-merkanzija giet skarikata f'idejn il-kuntratturi tal-port is-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd u minghandhom giet kunsinjata lill-importatur irrizulta illi bosta minnha nstabet bil-hsara, hafna minnha bis-sadid u xi blcclet nieqsa kif jirrizulta deskritt fix-Schedule tas-survey Dok B;

Illi ghalhekk l-assikurazzjoni kif obbligata, hallset is-somma ta' tlett mija u seba liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm307. 17) u ghaIhekk giet surrogata fid-drittijiet tad-ditta importatrici Dok C;

Illi l-konvenut nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dan in-nuqqas;

Talab ghalhekk li l-konvenut nomine jghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Jigu dikjarati responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikat; u
2. Jigu ikkundannati jhallsu lill-attur nomine is-somma ta’ tlett mija u seba liri Maltin u sbatax il-centezmu (LM307.17) in linea ta’ danni sofferti mill-importatur u surrogat lill-attur nomine; bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament maghmula mill-attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi u cioe a tenur tas-sub-inciz (b) tal-Artikolu 45 tal-Port Ordinance 1962;
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuti noe ikkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Godwin Abela nomine;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vivian Bianchi u Ralph Bianchi nomine, li *in forza* taghha huwa eccepew :

1. Preliminarjament l-assocjazzjoni konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza peress illi ma ghandha l-ebda funzjoni fil-kuntratt tal-merkanzija msemmi fic-citazzjoni u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur nomine;
2. Illi fil-meritu in kwantu diretti kontra l-eccipjenti, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati;
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-responsabilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku relattiva;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Vivian Bianchi u Ralph Bianchi nomine;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu hatret lil Dr Paul Lia bhala perit legali bis-soliti fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-perit legali u ordnatlu sabiex jirritorna l-inkartament fir-Registru ta' din il-Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tal-25 ta' Gunju 2007;

Rat illi minkejja illi l-konvenuti inghataw il-fakulta' li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, huma naqsu milli jaghmlu dan;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda ta' Dennis Baldacchino, Direttur tas-socjeta' J.P. Baldacchino & Company Limited illi s-socjeta' J.P. Baldacchino & Company Limited kienet impurtat hamsa u ghoxrin (25) bundle ta' 'electricially welded mild steal furniture tubes' minn Antwerp il-Belguim u meta din il-konsenja waslet ghand l-istess socjeta' gie innutat li kien hemm xi hsarat. Kien ghalhekk li huma infurmaw lill-insurance taghhom dak iz-zmien Galdes and Mamo Limited li qabdu 'surveyors' biex jaghmlu rapport.

Illi wara illi sar dan is-survey u giet accertata l-hsara kollha s-socjeta' J. P. Baldacchino & Company Limited thallset s-somma ta' tlett mija u seba' liri u sbatax il-centezmu Maltin (LM307.17) mill-insurance u ghalhekk huma issurrogaw l-insurance fid-drittijiet taghhom. Dennis Baldacchino kompla jixhed li ma jiftakarx jekk rax il-hsara hu personalment izda mir-'records' tal-kumpannija setgha jivverifika il-fatti dwar dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut Ralph Bianchi in subizzjoni u irrefera ghat-'talley sheet' u qal illi skond ma ghandu miktub il-konsenja waslet kollha, inhattet u ma gew registrati ebda rimarki – la hsarat u lanqas nuqqasijiet. It-'Talley' giet iffirmata mic-Chief Officer tal-bastiment izda sar mit-'talley clerk group' u fuq tad-dokument jidhru l-ismijiet 'M. Zammit' u 'P. Borg' it-tnejn inkarigati mill-agent tal-vapur ossia minn Bianchi Group of Companies, li ma humiex socjeta'.

Illi xehed Martin Zammit prodott mill-konvenuti Bianchi li ra t-'tally sheet' u gharaf il-firma tieghu fuqha hdejn il-firma ta' Paul Borg. Huwa ma gharafx il-firma ta' isfel. Huwa qal illi id-dokument juri li nizlu hamsa u ghoxrin (25) 'bundle' ta' pajpijiet u bla rimarki cioe bla hsarat.

Illi xehed Paul Borg, prodott mill-konvenuti Bianchi, li ra it-'tally sheet' u gharaf il-firma tieghu fuq in-naha ta' fuq ta' dan id-dokument u qal illi skond it-'tally sheet' nizlu hamsa u ghoxrin (25) bundle ta' pipijiet u ma hemm l-ebda rimarka u ghalhekk jidher li nizlu fi stat tajjeb. Huwa xehed illi meta l-'bundles' jaslu miftuhin jew mghawgin huma jaghmlu rimarka bil-miktub fl-ahhar tat-'talley sheet' u xehed ukoll illi fuq din it-talley sheet iffirma mieghu t-'talley clerk' Martin Zammit. Huwa ma gharafx il-firma ta' isfel, izda qal illi is-sollu hemmhekk tiffirma il-kumpannija cioe' il-Cargo Handling.

Illi xehed Dr Ian Stafrace illi esebixxa t-tally sheet kompilata flimkien bejn rapprezentanti tal-Cargo Handling u tal-agent tal-vapur u xehed illi jirrizulta mit-'tally sheet' li nizlu hamsa u ghoxrin (25) 'bundle'. Dr Stafrace esebixxa ukoll kopja tal-Gate Pass-out li minnha jirrizulta li gew rilaxxati hamsa u ghoxrin (25) bundle bir-rimarki hemm indikati.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta li s-socjeta' attrici fil-kapacita taghha ta' assikurazzjoni kienet kopriet lis-socjeta' J.P. Baldacchino & Co Limited fir-rigward ta' l-importazzjoni minn Antwerp

ta’ hamsa u ghoxrin (25) ‘bundle cubes’ tal-metal tubing, liema konsenja waslet Malta fis-26 ta’ Dicembru 1990 abbord il-vapur AYDER u dan it-transport gie regolat skond polza ta’ cargo mahrug mill-kumpanniji Deutsche Nah-Ost Linien Gmbh & Co Kg rapprezentati lokalment minn Bianchi Group of Companies.

Illi irrizulta illi meta l-vapur wasal Malta il-konsenja inhattet u u f’dak il-mument sar joint tally mill-agent tal-vapur cioe minn Bianchi Group of Companies u minn The Cargo Handling Company Limited.

Illi minn ezami tal-‘joint tally’ imsemmija li gie iffirmat minn naha ta’ isfel minn Paul Borg ma hemmx rimarki negattivi, bhalma ma hemmx rimarki negattivi fit-‘tally sheet’ a fol. 21 tal-process li gie ippreparat minn Martin Zammit u kien mibghut minn Bianchi u fuq dan il-‘joint tally’ ma hemm l-ebda rimarki negattivi.

Illi fit-‘tally sheet’ esebit mill-Cargo Handling Company Limited hemm il-firma ta’ Paul Borg, kif ukoll ta’ Martin Zammit u Martin Zammit kien nominat minn Bianchi Group of Companies.

Illi kemm Martin Zammit, kif ukoll Paul Borg, it-tnejn ikkonfermaw dawn il-‘joint tally sheets’ bil-gurament u ghalhekk il-Qorti tara li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi meta l-merkanzija inhattet fuq il-vapur li huwa l-mument meta jsir il-‘joint tally’ u giet ikkonsenjata minn The Cargo Handling Company Limited ma kienx hemm evidenza ta’ danni peress li ma kienx hemm rimarki negattivi.

Illi meta l-merkanzija harget mill-port sar ’gate pass out’ u dan jinsab esebit a fol. 96 tal-process u skond dan il-‘gate pass out’ hemm rimarka negattiva li tghid hekk “Visible top pipes with slightly rust”.

Illi ghalhekk gie ippruvat li meta l-merkanzija harget mill-port fit-3 ta Jannar 1991 harget minn The Cargo Handling Company Limited bil-hsara.

Illi sussegwentement meta l-merkanzija ittiehdet ghand J. P. Baldacchino & Company Limited huma innutaw illi l-merkanzija kien fiha l-hsara u kif xehed Dennis Baldacchino gie irrappurtat dan l-ilment lill-assikurazzjoni li da parti taghha hatret 'surveyor'.

Illi s-'survey report' jinsab esebit a fol. 6 tal-process. Minn dan is-'survey report' jirrizulta ippruvat li kien hemm hsara f'sebgha u disghin bicca Welded Thurwell tubes li kienu unusable u hemm nuqqasijiet ta' "six pieces".

Illi d-danni gew kalkolati bhala li kienu jammontaw ghal tlett mija u seba' liri u sbatax il-centezmu (LM307.17) li wiehed irid izid maghhom hamsa u ghoxrin lira (LM25) bhala survey fees and expenses kif jidher a fol. 6 tal-process.

Illi irrizulta ippruvat illi l-hsara sehhet waqt illi l-merkanzija kienet ghand The Cargo Handling Company Limited u ghalhekk din is-socjeta' ghandha taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat.

Illi a fol. 8 gie esebit dokument illi juri li saret id-debita surroga favur Royal International Insurance Holdings Limited, il-kumpannija attrici originali li sussegwentement umbaghad assumiet l-atti tal-kawza il-kumpannija GasanMamo Insurance Limited.

Illi ghalkemm it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjeta' Vivian Bianchi nomine il-Qorti tirrileva illi hadd mis-socjetajiet konvenuti ma svelaw il-kontenut fil-joint tally sheet qabel ma saret il-kawza odjerna u ghalhekk meta intavolat il-kawza odjerna s-socjeta' attrici kellha bil-fors tmexxi kontra z-zewg konvenuti sabiex tkun taf ezattament il-fatti kif sehhew u min miz-zewg socjetajiet konvenuti kien responsabbli ghad-danni.

Ikkunsidrat :

Illi il-konvenut Godwin Abela nomine eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 45(b) tal-Port Ordinance 1962. Dan l-Artikolu illum huwa l-Artikolu 65 tal-Kap. 352.

Illi abbazi tal-Artikolu 65 tal-Kap 352 il-preskrizzjoni hemm indikata tapplika ghall-kaz de quo stante li tali disposizzjoni tapplika anke viz a viz il-kuntrattur “dwar ir-responsabilitajiet taghhom taht dan l-att”, li certament jinkludu ir-responsabbilita ta’ garr u hazna tal-istess merkanzija. Effettivament dan l-Artikolu jigbah l-artikolu 45 tal-Ports Ordinance 1962, izda huwa aktar wiesgha peress illi l-artikolu 45 tal-Ports Ordinance jirreferi biss ghall-kuntrattur in relazzjoni ghar-responsabilitajiet tieghu bhala “carrier jew warfinger”, izda bl-artikolu 65 tal-Kap 352 jirreferi ghar-responsabilitajiet taghhom taht dan l-Att, illi ghalhekk jistghu ikunu aktar estensivi.

Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza illi tat fl-ismijiet “Frederick Frendo nomine vs Godwin Abela nomine et fl-24 ta’ Ottubru 1989 – LXXX111.ii.60) osservat, fil-kuntest tal-artikolu 45 tal-Ordinanza dwar il-Portijiet, li dan japplika wkoll taht l-Artikolu 65 tal-Kap 352 stante li l-funzjonijiet tas-socjeta konvenuta baqghu l-istess u cioe:

“Illi infatti minghajr il-htiega li toqghod tiddelunga fil-fehma taghha l-operazzjoni li kellha taghmel is-socjeta konvenuta kienet li tipprovdi l-mezzi tat-trasport, il-garr tal-merkanzija u l-iskarikar finali tal-istess merkanzija minn fuq it-trucks u dan kollu jikkostitwixxi funzjoni wahda cioe sempliciment dik ta’ ‘carrier’ li hija proprju dik il-funzjoni li ried jolqot il-legislatur bl-artikolu 45 imsemmi“.

Illi stabbilit il-premess, la darba l-istess merkanzija giet fil-pussess tas-socjeta konvenuta kif jirrizulta mit-tally sheets relattivi tat-28 ta’ Dicembru 1990 a fol. 21 tal-process u la darba ic-citazzjoni attrici giet ipprezentata fis-26 ta’ Dicembru 1991, jirrizulta li l-kawza saret fit-terminu li trid il-ligi, u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mis-socjeta konvenuta Cargo Handling.

Ikkunsidrat :

Illi fil-mertu it-talley sheet u l-gate pass out ghandhom jitqiesu bhala zewg dokumenti decizivi li jorbtu l-partijiet

kollha tal-kawza li ghandhom l-opportunita li a tempo vergine jikkontrollaw u jipprecisaw ir-registrazzjoni tal-istat ta’ fatt (vide sentenza Michael Gatt noe vs l-Avukat Philip Sciberras noe Appell Kummercjali 20 ta’ April 1995, kif ukoll sentenza ohra David Curmi noe vs Carmelo Mallia et noe et Appell Kummercjali deciz fis-6 ta’ Gunju 1995).

Illi l-Qrati taghna irritenew ukoll li dawn id-dokumenti kienu jikkonstitwixxu prova li tohloq presunzjoni juris tantum tal-korrettezza tal-kontenut taghhom sakemm ma jkunx hemm provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju (Ara sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Sede Inferjuri fis-16 ta’ Dicembru 1993 fl-ismijiet Dr Simon Micallef Stafrace noe vs John E Sullivan et noe).

Illi fil-kaz in ezami dan tal-ahhar ma irrizultax, anzi il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-mod skjett kif dan il-kaz gie trattat mis-socjeta konvenuta Cargo Handling Company Limited li bhala provi ressqet biss is-segwenti dokumenti : it-tally sheet, kif ukoll il-gate pass out (Dok IS1 u Dok IS2) li huma konformi mal-istess dokumenti esibiti mis-socjeta attrici u mis-socjeta konvenuta l-ohra. Illi ghalhekk zgur li ma jistghax jinghad li dawn id-dokumenti gew impunjati minn xi hadd mis-socjetajiet konvenuti.

Illi ghalhekk is-socjeta Cargo Handling Company Limited fid-data tat-Tally sheet tas-27 ta’ Dicembru 1990, u cioe meta hija assumiet r-responsabilita ta’ tali merkanzija ma irrimarkat ebda difett u sa meta sar l-gate pass out fit-3 ta’ Jannar 1991 din il-merkanzija baqghet responsabbli ghaliha l-istess socjeta konvenuta Cargo Handling Company Limited.

Illi tali difetti imsemmija fil-gate pass a fol.96 ma gewx imnizzla fit-tally sheet  li hemm esebita a fol. 97 u ghalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta attrici fis-sens illi ir-responsabbilta f’dak il-perjodu sal-gatt pass out hija tas-socjeta konvenuta Cargo Handling Company Limited.

Illi bhala depositarja, din is-socjeta qua kuntrattur portwali, kellha l-obbligu li fil-kustodja tal-kariku taht depozitu tiehu hsiebu daqs kemm tiehu hsieb fil-kustodja ta’ hwejjigha (Artikolu 1899 Kodici Civili).

Illi ghalhekk kien ragonevolment mistenni mill-istess socjeta’ li thares l-istess kariku minn kull hsara li setgha gralu, haga li l-istess socjeta konvenuta ma ghamlitx.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Bianchi Group of Companies u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited u tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta’ attrici nomine u tikkundana lis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited sabiex thallas lis-socjeta’ attrici nomine is-somma ta’ tlett mija u sebgha liri Maltin u sbatax il-centezmu (LM307.17c), ekwivalenti ghal seba’ mija u hmistax il-Euro u wiehed u hamsin Euro centezmu (€715.51); Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------